# Kelmtejn mill-Għalliem

Philip Schembri



Waqt li qiegħed nikteb dawn il-kelmtejn tiegħi għall-Festa ta' din is-sena, ma nistax ma nikkummentax dwar id-diżappunt u l-isfortuna li sofrejna bħala Soċjetà u l-poplu kollu Mellieħi meta bħal leħħa ta' berqa xterdet l-aħbar li l-maħbub Surmast tagħna Tonio kellu jidħol malajr l-isptar. Dan kien eżatt fil-qofol tal-festa li għaddiet, fl-aħħar tlitt ijiem. Fuq fomm kulħadd kien jinħass u jidher ċar sinjal ta' dieqa għax il-poplu Mellieħi kollu jaf kemm Tonio jaħdem u jirsisti matul is-sena kollha speċjalment għall-Festa. Għalkemm il-Festa xorta waħda rnexxiet, aħna ħassejna ħafna n-nuqqas tiegħu.

X'inhi l-Banda Imperial mingħajr Tonio? Però, jidher li Ommna Marija Bambina ħadet ħsiebu u ndukratu sewwa u ta' dan nirringrazzjawha għax Alla jbierek wara ftit taż-żmien rikoverat Tonio rega' lura l-każin u fl-opinjoni tiegħi b'iktar ħegga. Hawn nappella lil kulħadd, speċjalment lil min hu nvolut fil-banda, biex bħalma dejjem għamilna nkomplu ngħinuh fit-tmexxija tal-banda tagħna, filwaqt li nawgurawlu s-saħħa u ħafna aktar snin ta' ħidma siewja fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

Nieħu l-okkażjoni u nappella lill-Poplu Mellieħi sabiex bħal dejjem jattendi bi ħġaru għall-attivitajiet tal-festa, speċjalment għall-Kunċert tat-2 ta' Settembru. Din is-sena erġajna għandna programm imħawwar sewwa li ser jolqot il-gosti ta' kull min jattendi.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*

**HORACE ENTERPRISES LTD.**
*Trophies & Sports Goods* *Importer & Wholesaler*

**Horace Micallef**
Director

70, Triq Raymond Caruana, Gudja GDJ 1012 - Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt